# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 28 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 217/01**

**Numru 7**

**Stephen Parnis England**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut ghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jirrevoka, jhassar u jew jirtira l-avviz ta' talba ghall-hlas tas-somma globali ta' Lm434 ta' taxxa tal-F.S.S. mahrug, kontra l-attur u Kama Shipping Company Limited anness mal-avviz bhala (Dokument A) ghas-snin 1998, 1999 u 2000, stante li:

1. L-attur irrizenja minn direttur tal-kumpanija f'Mejju 1997 (Dokument B).

2. Ir-regoli ta' registrazzjoni ta' "pagatur" skond l-Att tal-1994 dwar l-amministrazzjoni tat-taxxa gew fis-sehh f'Jannar tal-1998, artiklu 4 tal-Avviz Legali 88 tal-1998 ossija wara li kien irrizenja; u

3. Il-kumpanija Kama Shipping Company Limited biddlet isimha ghal Eridan Shipping fit-13 ta' Frar 1997 (Dok C).

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti in atti mill-attur u li jinsabu a fol 2 sa 4 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha espona bir-rispett:

Illi huwa jirrinunzja kull effett legali ta' l-avviz ta' talba ghall-hlas ta' taxxa FSS ghas-snin 1998-2000 mahrug kontra Stephen Parnis England fis-7 ta' Frar 2001.

Semghet lill-istess konvenut, presenti l-Avukat difensur tieghu, jammetti t-talbiet kollha tal-attur kif dedotti mill-istess avviz u dan skond kif risultanti mill-verbal tas-seduta tallum stess.

Minhabba dak premess il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrevoka, jhassar u jew jirtira l-

avviz ta' talba ghall-hlas tas-somma lobali ta' Lm434 ta' taxxa tal-F.S.S. mahrug, kontra l-attur u Kama Shipping Company Limited anness mal-avviz bhala (Dokument A) ghas-snin 1998, 1999 u 2000, stante li:

1. L-attur irrizenja minn direttur tal-kumpanija f'Mejju 1997 (Dokument B).

2. Ir-regoli ta' registrazzjoni ta' "pagatur" skond l-Att tal-1994 dwar l-amministrazzjoni tat-taxxa gew fis-sehh f'Jannar tal-1998, artiklu 4 tal-Avviz Legali 88 tal-1998 ossija wara li kien irrizenja; u

3. Il-kumpanija Kama Shipping Company Limited biddlet isimha ghal Eridan Shipping fit-13 ta' Frar 1997; bl-ispejjes kontra l-istess konvenut.

Alan Calleja
Dep.Reg